



Introduzzjoni għall-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali fl-2018

Il-ġimgħa Ewropea għall-ħiliet vokazzjonali



2018 | **SKOPRI T-TALENT TIEGĦEK!**

5-9 ta' Novembru 2018

Ingħaqad magħna!

#DiscoverYourTalent

*Impjegi, affarijiet
soċjali u inklużjoni*

Introduzzjoni għall-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali fl-2018

SKOPRI T-TALENT TIEGĦEK!

5-9 ta' Novembru 2018

Ingħaqad magħna!

X'INHI L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI (ETV)?

Tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, traineeships, apprendistati, korsijiet imfassla apposta u taħriġ fuq il-post tax-xogħol għandhom l-għan li jisfruttaw il-potenzjal tal-persuni kollha billi jgħaqqdu flimkien it-teorija u l-prattika. L-ETV qed issir dejjem aktar attraenti kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-impjegati. Din hija disponibbli f'kull qasam, mix-xjenza għall-inġinerija għall-kura tas-saħħa u l-finanzi, kemm fis-settur privat, kif ukoll fis-settur pubbliku.

Kull sena, aktar minn 100 miljun Ewropew jibbenefikaw mill-**edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV)**. Bħala riżultat ta' dan, bis-saħħa ta' persunal imħarreġ sew b'ħiliet tekniċi aġġornati, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet qed isiru aktar b'saħħithom u aktar kompetittivi. Dan jgħin biex jikkontribwixxi wkoll għal tkabbir intelliġenti u sostenibbli u jibni soċjetà aktar b'saħħitha.

X'INHI L-ĠIMGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILJET VOKAZZJONALI?

Inti...

- żagħżuġ jew adult li qed titgħallem?
- għalliem, persuna li tħarreġ, konsulent jew riċerkatur?
- fornitur ta' taħriġ edukattiv?
- negozju, kamra, trade union jew organizzazzjoni ta' impjegati?
- tmexxi programm tal-ETV, netwerk ta' politika jew inizjattiva relatata mal-ETV?

...mela l-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali tgħodd għalik!

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali hija inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea maħsuba biex tagħmel l-ETV aktar attraenti. Din tinkludi avvenimenti u attivitajiet fil-pajjiżi

parteċipanti madwar l-Ewropa kollha, fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-partijiet ikkonċernati li jieħdu sehem fil-Ġimgħa għandhom l-opportunità li jaqsmu eżempji ta' eċċellenza fl-ETV.

Wara s-suċċess tas-sentejn ta' qabel, it-tielet **Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali** sejra ssir mill-**5-9 ta' Novembru 2018**. Din is-sena, l-avvenimenti u l-attivitajiet ewlenin se jrin isiru fi **Vjenna**, u se jrin jiġu organizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE. Fi Stati Membri oħra tal-UE se jsiru wkoll varjetà ta' avvenimenti ta' ftuħ nazzjonali, flimkien ma' mijiet ta' avvenimenti u attivitajiet relatati mal-ETV fil-livell lokali u reġjonali.

INT X'SER TIGGWADANJA?

Dawk li jitgħallmu

Ikun xi jkun l-isfond tat-tagħlim tiegħek, l-ETV tista' tipprova **rotta iqsar għall-impjeg** billi tgħinek tiżviluppa l-ħiliet, tikseb il-kwalifiki u takkwista l-esperjenza li għandek b'zonn biex tirnexxi. L-apprendistati u t-**tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol** jiffaċilitaw it-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni u l-post tax-xogħol, u l-ETV tista' wkoll tagħmilha aktar faċli biex int taħdem f'setturi jew f'pajjiżi oħra. Barra minn hekk, **l-impjegati bl-esperjenza jistgħu jagħmlu korsijiet vokazzjonali biex jibqgħu aġġornati** mal-iżviluppi l-ġodda, jadattaw il-ħiliet tax-xogħol tagħhom jew jitħarrġu mill-ġdid għal professjoni ġdida.

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali tagħtik l-opportunità li tiskopri aktar dwar l-opportunitajiet li qed jiġu offruti u tiskopri t-talent tiegħek! Ingħaqad f'avveniment jew f'attività assoċjata mal-Ġimgħa u wessa' l-orizzonti tiegħek. Aqsam l-istejjer tal-ETV tiegħek permezz tas-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u agħti ispirazzjoni lil nies oħra. Iċċekkja l-vidjows, il-ħidma tal-Ambaxxaturi, il-premijiet, u tgħallem aktar dwar l-ETV, il-Ġimgħa u x'tista' tfisser din għalik. Skopri l-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u skopri t-talent tiegħek illum!

Organizzazzjonijiet

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali hija opportunità unika biex l-organizzazzjoni tiegħek tinvolvi ruħha fis-soċjetà b'mod ġenerali, biex tgħin issaħħaħ il-profil tal-ETV fil-komunità tiegħek u madwar l-Ewropa. Hija opportunità biex int tingħaqad flimkien ma' partijiet ikkonċernati ewlenin fi sforz magħqud li jkun ibbażat fuq is-suċċessi individwali tiegħek.

Aħna qed nittamaw li l-organizzazzjoni tiegħek torganizza avvenimenti u attivitajiet fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali jew lokali bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2018, sabiex nipromwov l-ETV għal udjenza kemm jista' jkun kbira. Ideat popolari mis-snin ta' qabel jinkludu jiem għall-pubbliku, konferenzi tematiċi jew kampanji dwar it-taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwu. Irreġistra dak l-avveniment jew dik l-attività permezz tas-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u int se tikseb aċċess għall-identità viżwali u għas-slogan uniku "**Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali - Skopri t-Talent tiegħek!**", ittejjeb il-viżibbiltà tiegħek u takkwista aktar esponiment.

Tista' ssib informazzjoni dwar kif tinvolvi ruħek u dwar kif tirreġistra avveniment tiegħek stess fuq il-paġna tal-web tagħna stess:
<http://ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek>.

KIF TISTA' TINVOLVI RUĦEK?

- Ingħaqad f'avveniment jew f'attività assoċjata mal-Ġimgħa;
- Organizza avveniment jew attività assoċjata mal-Ġimgħa;
- Ippromwovi I-ETV u I-Ġimgħa fuq il-midja soċjali;
- Irreġistra għall-bullettin permezz tas-sit web:
<http://ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek>.

U RIGWARD IL-ĠIMGĦA FI VJENNA?

It-tema ġenerali tal-avvenimenti u tal-attivitajiet organizzati fi Vjenna hija I-ETV u r-rwol tagħha fil-futur tax-xogħol għall-impjegi u għall-ħiliet. Temi sekondarji jinkludu d-diġitalizzazzjoni, il-ħiliet tas-seklu 21, il-validazzjoni ta' taħriġ mhux formali u informali, u l-internalizzazzjoni tal-ETV.

Il-Ġimgħa fi Vjenna tinkludi konferenza tal-ETV ta' diversi partijiet ikkonċernati, ċelebrazzjoni għall-5 anniversarju tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, Forum bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-OECD, iċ-ċelebrazzjoni tal-persuni nominati għall-Premjijiet tal-2018, u avveniment ta' għeluq imżewwaq. FI-Istati Membri se jsiru wkoll varjetà ta' avvenimenti ta' ftuħ.

Il-Kummissjoni Ewropea tistenna bil-ħerqa li tarak tagħmel parti mit-tielet Ġimgħa Ewropea għall-ħiliet Vokazzjonali, bejn il-5-9 ta' Novembru 2018!

Sir af aktar

Web: <http://ec.europa.eu/vocational-skills-week>

Email: empl-vocational-skills-week@ec.europa.eu

Twitter: #EUVocationalSkills and #DiscoverYourTalent

Inizjattivi ta' politika, pjattaformi u opportunitajiet ta' finanzjament relatati

[EPALE](#)

[Perkorsi ta' Titjib tal-ħiliet](#)

[Aġenda Ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa](#)

[Alleanza Ewropea għall-Apprendistati](#)

[Garanzija għaż-Żgħażaġħ](#)

[Erasmus+](#)

[Fond Soċjali Ewropew](#)

[Drop'pin@EURES](#)

[L-ewwel xogħol EURES tiegħek](#)

Sħab

[Il-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea](#)

[Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali \(CEDEFOP\)](#)

[Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ \(ETF\)](#)

[In-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi](#)

[Pjattaforma tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Fornituri tal-ETV](#)

[OECD](#)